# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 11 ta' Jannar 2022**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 953/2021 JVC**

**Carmen Hyde**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Carmen Hyde ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

Illi r-rikorrenti hija cittadina Maltija li nhar il-21 ta' Jannar 1984, izzewwget lil Darren Malcolm Hyde gewwa Malta (Dok A);

Illi jirrizulta illi maz-zwieg, ir-rikorrenti assumiet kunjom zewgha u flimkien ma' zewgha huma marru jirrisjedu gewwa Hemsworth, county of York, Ingilterra;

Illi sussegwentement il-konjugi Hyde ddivorzjaw gewwa l-Ingilterra nhar it-12 ta' Dicembru 1988, liema divorzju gie rikonoxxut gewwa Malta, u dan skont l-anness dokument immarkat Dok. B;

Illi l-imsemmmi divozju gie anke formalment irregistrat gewwa l-Gzejjer Maltin, u l-esponenti kompliet b'hajjitha u regghet bdiet tuza kunjom xbubitha ossia 'Stafrace', kif jirrizulta anke fuq il-karta tal-identita' taghha u diversi dokumenti ohra ufficjali; madanakollu recentement giet infurmatha li ghall-fini ta' passaport hija ser tibqa' maghrufa bil-kunjom 'Hyde' dment li ma jkunx hemm decizjoni minn Qorti Kompetenti;

Illi huwa ghalhekk li r-rikorrenti ma kellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tintavola l-procedura odjerna;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti huwa "Stafrace";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti taz-zwieg tar-rikorrenti u zewgha Darren Malcolm Hyde u dana bili jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti taz-zwieg u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabix isimha jigi indikat u tkun maghruf bhala Carmen Stafrace, kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tar-rikorrent kull fejn jirrizulta u ikun hemm l-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

**1.** Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti Carmen Stafrace titlob korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi Spiteri mhux il-kunjom li legalment jappartjeni lilha. Tant hu hekk illi l-kawża odjerna inġiebet bil-għan illi l-attriċi tingħata l-fakoltà li tuża kunjom xbubitha, ossia Stafrace, minn din l-Onorabbli Qorti;

**2.** Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jissottometti illi r-rikorrenti naqset milli tindika fuq liema artikoli legali qiegħda ssejjes il-proċedura odjerna, u għalhekk jirriżerva d-dritt illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

**3.** Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jifhem illi l-kawża mressqa mir-rikorrenti saret bil-għan illi tintalab korrezzjoni ta' att jew atti tal-istat ċivili, u għalhekk jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**4.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

**5.** Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 104 tas-sena 1984, jirriżulta illi Carmen Stafrace iżżewġet lil Darren Malcolm Hyde f'Malta fil-21 ta' Jannar tas-sena 1984, fejn bl-operazzjoni tal-liġi illi kienet *in vigore* dak iż-żmien, maż-żwieġ hija adottat kunjom żewġha Hyde;
**6.** Illi mill-istess Att taż-Żwieġ, li jinsab anness mar-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti u mmarkat 'Dok. A', u b'mod specifiku mill-annotazzjoni ta' fuqu, jirriżulta illi Darren Malcolm Hyde u Carmen Hyde ottjenew sentenza ta' divorzju minn Pontefract County Court fl-Ingilterra fid-19 ta' Frar 1987, li ġiet reża eżekuttiva fit-12 ta' Diċembru tas-sena 1988. L-annotazzjoni li tniżżlet mill-konvenut saret abbażi tas-sentenza ta' divorzju msemmija. Kif jirriżulta mill-istess sentenza, li tinsab annessa mar-rikors promotur, ma hemm ebda indikazzjoni illi l-attriċi rrivertiet għal kunjom xbubitha u għaldaqstant, il-konvenut ma setax jagħmel tali bidla fil-konjom mingħajr awtorizzazzjoni;

**7.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u li jkunu rrispettati r-regoli proċedurali;

**8.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi

u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**9.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**10.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tallum giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni preliminari u ghalhekk giet irtirata minn Dr Charlene Muscat;

Rat illi saret id-debita publikazzjoni esebita fl-atti skont il-Ligi;

Rat partikularment id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat li minnha jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti ottjeniet id-divorzju gewwa r-Renju Unit fejn hija kellha l-kunjom ta' mizzewga 'Hyde';

Rat l-affidavit tar-rikorrenti fejn iddikjarat bil-gurament illi sa mid-data tad-divorzju hija dejjem uzat il-kunjom 'Stafrace' u mhux 'Hyde';

Rat illi effettivament anki l-karta tal-identita' Maltija inharget bl-isem Carmen Stafrace u mhux Carmen Hyde;

Rat ukoll illi r-Registru Pubbliku wkoll kien jindika lir-rikorrenti bhala Carmen Stafrace u kif ukoll id-diversa dokumentazzjoni l-ohra li lkoll tindika kunjom ir-rikorrenti bhala Stafrace u mhux Hyde;

Il-Qorti tqis illi jekk ma tilqax it-talbiet tar-rikorrenti, fil-fatt ikun qed jinghata lok ghal identita' doppja tar-rikorrenti meta dan mhux fl-interess pubbliku u ghaldaqstant tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti huwa 'Stafrace' u mhux 'Hyde';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti u zewgha Darren Malcolm Hyde bin-numru 104 tas-sena 1984 u dan bili jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att taz-zwieg sabiex isimha jigi indikat u jkun maghruf bhala Carmen Stafrace u mhux Carmen Hyde.

3. Tordna wkoll korrezzjoni fl-atti l-ohra relattivi fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubblik u ghal dan il-ghan qieghda tilqa' t-tielet talba.

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Jannar 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Jannar 2022**